MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 71/2011/1

**Carmel Cortis**

***v.***

**Paul Fenech**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-president ta' din il-qorti, il-Prim Imħallef Silvio Camilleri, u tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo imressqa mill-konvenut Paul Fenech taħt l-art. 734(1)(*d*)(ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> **"734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> "…
>
> "(*d*) (ii) jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
>
> "Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, … … …"

2. Din il-kawża kienet ġiet quddiem l-imħallfin fuq imsemmija f'din il-Qorti tal-Appell meta saret talba mill-attur għall-esekuzzjoni provviżorja tas-sentenza li minnha sar l-appell. B'dikriet tal-14 ta' Novembru 2011 din il-qorti kienet laqgħet it-talba għax kienet "sodisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lir-rikorrent milli dik l-esekuzzjoni tikkaġuna lill-intimat".

3. B'dik id-deċiżjoni l-qorti la qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet – *viz.* jekk is-sentenza appellata għandhiex titħassar jew titwettaq – u lanqas espremiet il-fehma tagħha dwar dak il-meritu. Qieset biss min mill-partijiet x'aktarx illi jġarrab aktar ħsara bl-

esekuzzjoni proviżorja tas-sentenza appellata, mingħajr preġudizzju għall-meritu. Din ma hijiex raġuni tajba għar-rikuża jew astensjoni tal-imħallfin.

4. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża u tordna illi jitkompla s-smigħ tal-appell. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom il-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------